MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Numru. 376/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Matthew Luke Demicoli**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Matthew Luke Demicoli ta' 26 sena, bin Mario Joseph u Susan Janice nee` Field, imwieled Pieta` nhar it-13 ta' Gunju 1985, residenti 13, Triq in-Nahla, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 328585M

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar is-16 ta' Gunju 2011 u fix-xhur ta' qabel:

1. Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni minn naha l-wahda, l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fatt illi jidher illi ghandu hajja stabbli u li ghalhekk piena karcerarja ma tkunx wahda idonea, kif anke iddikjara l-Ufficjal Prosekutur waqt it-trattazzjoni tieghu. Minn naha l-ohra, madankollu, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fedina penali aggornata tal-imputat, mil-liema jirrizultaw tliet kundanni li, ghalkemm l-ebda wahda minnhom ma tinvolvi reati konnessi ma’ droga, fir-rigward taghhom l-imputat kien inghata liberta` kundizzjonata ghal perjodu ta’ tliet snin, Ordni ta’ Probation ukoll ghal perjodu ta’ tliet snin u sentenza ta’ prigunerija sospiza. Illi ghalhekk jidher illi minkejja d-diversi opportunitajiet li inghata, l-imputat xorta wahda ma gharafx jiehu dawn l-opportunitajiet, izda minflok ghazel illi jerga’ jikser il-ligi ghal darb’ohra.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, tikkundanna lill-hati ghall-piena ta' multa ta' sitt mitt Euro (€600) li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100) bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument FF2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------